MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 450/2011

Il-Pulizija
(Spettur Elton Tonna)

Vs

Simone Micallef.

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar id-19 ta’ Awwissu 2008, gewwa 3, Triq Mons. G. Frendo, Qormi u fi nhawi ohra f’dawn il-gzejjer Maltin tat xhieda falza, f’materja civili, meta ghamlet affidavit falz, kemm jekk f’Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li kienet taf li l-affidavit kien mehtieg jew mahsub għal procedura civili f’Malta;

2. Nhar l-4 ta' Marzu 2009 u fit-13 ta' April, 2009, u gewwa l-bini tal-Qorti fi Triq ir-Repubblika, l-Belt, Valletta, tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar reat, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 106 (1), (3), 105 u 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Simone Micallef, hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha u ikkundannatha ghal sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti, inoltre, qieghda ordnat l-interdizzjoni generali tal-imputata kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u milli sservi bhala perit, ghall-perijodu ta' ghaxar (10) snin. Il-Qorti, spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appellanti pprezentat fl-4 ta' Novembru, 2011 fejn talabet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka is-sentenza appellata u tilliberaha minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, huma s-segwenti w cioe':-

Bir-rispett kollu jinghad li l-process kollu qisu juri li ma hemmx bzonn wisq provi u anqas u anqas provi skond il-liġi biex tinstab il-htija u tinghata piena qawwija. Huwa principju bazilari li l-prosekuzjoni obbligata ggib l-ahjar prova, u dan in-nuqqas ma jistax jigi supplit b'second hand evidence jew supposiżjonijiet.

Fuq l-affidavit:

L-esponent giet akkuzata li ghamlet affidavit meta kienet taf li se jintuza f'kawza civili. Minn dan johorġu erba` elementi kostitutivi tar-reat: (a) li sar affidavit regolarment mahluf (b) li kien fih falzita' (c) li fil-fatt hekk jintuza (d) li min jaghmlu jaf li l-istess affidavit se jintuza f'kawza civili u

(a) L-esponenti ghamlet affidavit, u dan hu pruvat mill-atti u x-xhieda tan-Nutara Arapa. Ghalkemm l-affidavit kien regolarment iffirmat min-Nutara, u kien hemm l-identifikazzjoni ta' min qed jahlef, il-prosekuzzjoni hawn abbundat fix-xhieda li gabet in-Nutara tixhed.

(b) Dwar il-falzita` kummenti aktar 'ilquddiem.

(c) L-uzu f'kawza ċivili. Dwar dan hemm verbal tad-difiza li eventwalment hekk intuza.

Hawn kienet tidħol ix-xhieda ta' Joel Cassar, imma hija wehidha ma tkunx biżżejjed.

Il-prova li sar uzu minnu ghall-proċediment civili kellha tkun li tingieb quddiem il-Qorti kopja legali tal-istess atti mill-qrati civili, u tiġi esebita. Il-prova kienet bizzejjed ghax hekk qal Robert Cassar? A fol 35 tal-proċess jghid li "dahhlet rikors fl-20 ta' Awissu, jekk m'inhix sejjer zball…" L-anqas jghid jekk giex anness jew le mar-rikors, hlief wara mistoqsija diretta tal-ispettur.

L-anqas l-istess Robert Cassar li kien assistit mill-avukati bhala parti civili ma esebixxa kopja legali halli l-Qorti tista` tiżen u tasal ghall-eżami approfondit tal-fatti. Bir-rispett kollu, l-verbal tad-difiza ma jgħidx kif intuza l-istess affidavit.

Din hi l-prova legali?

Qed issir analogija meta jkun hemm prova tar-recidiva. Jigi spettur u jghid li kien hu li mexxa kontra l-imputat u l-Qorti kkundannat? U ma jesebixxi xejn? Jew jaghmel riferenza ghall-fedina penali biss minghajr ma jgib kopja legali tas-sentenza? L-istess regoli japplikaw hawn.

(d) X' prova legali hemm li l-esponenti kienet taf li dak kien se jintuza ghall-kawza civili? Il-prosekuzjoni ma setghetx tistrieh fuq is-supposizjoni li la hadet affidavit ghal xi haga haditu, u naturalment kellha l-esponenti tissoponi li kien se jkun ghall-procediment civili.

Ghala l-prosekuzzjoni naqset li ttella' lil Joel Cassar biex tghid xi kliem kien ghadda meta ordnat jew hadet il-konsenja tal-affidavit? Din prova li ma tezistix, u l-anqas kien hemm tentattiv halli l-istess Joel Cassar, li finalment kienet se taghmel uzu mill-affidavit skond it-tezi tal-prosekuzjoni, tingieb tixhed, apparti dak li kienet se tghid. X' kienet qed tistenna l-prosekuzzjoni li l-esponenti titlef id-dritt tas-silenzju u jkun jinkombi fuqha d-dover li teskludi dan l-element? Biex il-piz tal-prova jghaddi fuq l-imputata jrid ikun hemm ligi li tisposta l-piz tal-prova (Art. 39 tal-Kostituzzjoni).

Huwa sintomatiku li l-affidavit ma fihx intestatura bhala “Fil-Qorti Civili – Sezzjoni Familja .. “ Kieku kien hekk miktub, ma kienx.

Kif inhu miktub l-affidavit huwa dikjarazzjoni generika tal-persuna li kienet qed tiddikjara u tikkonferma bil-gurament. L-uzu li haddiehor jaghmel minn dak id-dokument mhux konferma tax-xjenza antecendenti li hija mehtiega ghal dan ir-reat that l-atikolu 106(3)

Dan l-element kostitutiv kellu jigi pruvat minghajr dubju ragjonevoli, u mhux fuq bazi ta' presunzjoni.

L-art. 638 tal-Kap 9 jitkellem car hafna dwar il-kwalita` tal-prova.

Fuq ix-xhieda viva voce.

L-aggravji jirreferu ghall-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati. L-esponenti xehdet, imma xi'prova legali hemm tal-kontenut tax-xhieda taghha?

Lanqas kopja tas-sentenza ma giet esebita.

Lanqas il-verbal tas-seduta ghall-kawza de quo.

Ma kien hemm l-ebda talba, kif solitament isir, li x-xhieda ttiehdet bil-miktub jew tigi recorded halli jkun hemm prova tal-kontenut tax-xhieda.

Scripta manent verba Volant.

Anke hawn il-verbal tad-difiza (a fol 28) bl-ebda mod ma jidhol fil-kontenut tad-depozizzjoni.

Il-provi ma jistghux ikunu hlief dawk li jirrizultaw mill-atti gudizzjarji. Quod non est in actis non est in mundo. Is-sistema guridika tagħna jagħmel diversi provvedimenti kif tigi reġistrata x-xhieda ad futuram memoriam. Tista` tkun notament tal-magistrat, summary tal-magistrat, recordin fuq mezzi eletromanjetici, u traskrizzjoni, u tista` tkun xhieda dettata u registrata long hand mir-registratur. Imma ma tistax tkun prova tax-xheida d-deposizzjoni ta' xheida li jghidu x'semghu huma fil-Qorti. Dan daqskemm dak li jgibu l-gurnalisti fil-gurnali bhala li semghu huwa "gospel truth".

X' hemm fil-process? U x'jghid il-kodici kriminali fl-art. 639?

L-artiklu 639 jghid li xhud wieħed biss ma jiswiex fl-isperġur.

Issa bhala xhud uniku f'dan il-kaz tal-Magistrat Demicoli kien Robert Cassar. Dan qal li l-esponenti xehdet (u apparti kull kwestjoni ohra) u l-kontentut tax-xhieda tagħha. Xehed ukoll l-ispettur, li wiegħed li jesebixxi dokument tal-affidavit "li ntuza fil-kawza". Dan qatt ma gie esebit bhala formanti parti mix-provi quddiem il-Magistrat Dr. Saviour Demicoli. U kieku xejn kien jigi presentat mir-Registratur jew tingieb kopja legali. Xejn hlief weghda (a fol 13).

L-avukat li kien qed jippatrocina lill-esponenti in kontroezami staqsa lill-ispettur jekk jaccettax li affidavit ma jistax jintuza f'kawza kriminali, u l-esponenti la hija pulizija u l-anqas tabib.

Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda ta' Robert Cassar ghax dan imur kontra kull principju tal-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk l-anqas dan ir-reat u cioe fix-xhieda viva voce ma jirrizulta.

Falzita

Fejn hi l-falzita? U tenut kont ta’ dak li jiddisponi l-Art. 639?

Fl-affidavit l-esponenti qalet li kienet qed tosservah. Huwa jiċħad li kien minn Birkirkara. Kelma kontra kelma. Hija tgħid li kien qed isuq qawwi. Hu jiċħad. Kelma kontra kelma. U din kienet il-fulcrum tal-kwestjoni. Kien jew ma kienx qed isuq bil-qawwi? Dan il-punt m’hu korroborat minn hadd. La naha u l-anqas ohra. Jekk hemm xi korroborazzjoni hija dwar l-istato d’ animo li Robert Cassar kellu genn biex jasal id-dar bit-tarbija ghand ommu.

Il-Qorti qalet li ma setghetx kienet f’zewg postijiet fl-istess mument. Jekk hemm xi haga li hi nebuluza hija li persuna fil-hajja normali thares lejn l-arlogg bil-minuti u s-sekondi. U kienu l-minuti u s-sekondi. U kienu l-minuti u s-sekondi li kienu rilevanti? Jew is-sewqan tieghu, liema sewqan huwa aktar verosimili li kien mghaggel sewwa?

Minn ezami tal-atti civili, jidher li mal-affidavit kien hemm ukoll ritratti bil-hin u d-data, u juru s-sewqan tieghu. Sfortunatament ghall-esponenti dawn ma gewx prodotti quddiem l-ewwel Qorti min-naha taghha, pero l-anqas gew prodotti mill-prosekuzjoni mal-affidavit li giet presentata kopja tieghu.

Jekk il-prosekuzjoni kienet se ggib dik il-kwalita’ ta’ provi fuq ir-reati dedotti messha kejlet ahjar qabel tohrog l-akkuzi.

Il-kaz messu beda fuq il-binarju tad-dikjarazzjoni falza li ssir quddiem awtoritaċ li tista’ tamministra l-gurament. U minn hemm l-esponenti setghet tiddefendi ruhha fuq l-affidavit li ghamlet, li kienet dikjarazzjoni unilaterali konfermata quddiem Nutara. Imma dak li hemm ta’

sustanzaz fl-affidavit huwa li kien minnu li Robert Cassar kien qed isuq f'dak il-hin indikat. Jaf li kien qed jigi segwit. Lil min gharaf hu, kelma tieghu kontra tal-esponenti. Il-mod kif kien qed isuq kienet valutazzjoni personali u approssimattiva. Certament Robert Cassar l-anqas li kellu mohh kien biex jara l-ispeed tieghu. L-anqas hu kredibbli l-hin li jsemmi biex imur minn fejn gabar il-minuri sal-Gudja. Huwa ferma anqas. Se mai dan kien reat kompriz u novlut. Dan qed jinghad bla pregudizzju ghax l-argument dwar in-nuqqas ta' falzita' kienu japplikaw ukoll ghal dan ir-reat.

Piena

Il-piena kienet gravuza ghall-mara b'fedina penali netta. Omm ta' tlett itfal li ghadha kemm ghaddiet minn trawma f'hajjitha u fuq spallejha ghandha it-tlett itfal, u tarbija ta' wahda minnhom, u kulħadd jiddependi minnha, u ma jistgħux jgħaddu mingħajr l-għajnuna kontinwa tagħha.

Il-parti civili ma sofriet l-ebda pregudizzju, ghaliex certament fil-kriminal kien hemm liberazzjoni ghal Robert Cassar, u fic-Civil ma kien hemm l-ebda tibdil.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Difensur u tal-abbli Prosekutur.

Ikkunsidrat

Qabel xejn, waqt it-trattazzjoni orali, id-difiża ssottomettiet li s-sentenza ma fihiex il-firma tar-reġistratur. Fil-fehma ta' din il-Qorti ġaladarba l-elementi tal-artikolu 382 huma kollha s-soddisfatti u ġaladarba l-Qorti m'għandhiex dubju li din hija s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-27 t'Ottubru 2011 fl-ismijiet premessi, is-sentenza ppreżentata fl-atti għandha titqies bħala sentenza valida.

Tqajjem ukoll punt ieħor, jiġifieri li ma nġabitx kopja legali tal-proċess quddiem il-Qorti Ċivili. Dwar dan il-punt, il-Qorti ser tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha aktar 'il quddiem b'referenza għall-verbal magħmul mid-difiża quddiem l-Ewwel Onorabb;li Qorti.

**Il-mertu**

**Ix-xhieda fil-qosor**

L-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax il-konklużjoni dwar il-fatti tal-każ li tkun waslet għaliha l-Ewwel Qorti jekk din setgħet tasal għaliha raġonevolment u legalment.

Għalhekk l-ewwel ma għamlet din il-Qorti kien li għarblet ix-xhieda li dehru quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Xehdet Ruth Cassar (fol 23 et) li tiġi oħt Robert Cassar. Fis-16 t'Awwissu 2008 hija kienet ġol-banka tal-lottu tagħha f'126 Pjazza tal-Gudja, Gudja. Kienet marret l-appellanti flimkien ma tnejn min-nies oħra li qalet li riedet tiġbor xi nies. Imbagħad semmiet l-isem ta' dar Odyssea li hwa l-isem tad-dar tagħhom. L-appellanta bdiet tgħatti wiċċha. Dak il-ħin kienu l-**10.02.** Huma kienu qed jistennew bil-ħerqa biex jaraw it-tifla ta' ħuha Robert. In-number plate tal-karozza tal-appellanti kien BVY – 001. Għall-ħabta tas-12.45 marret l-għassa biex tirrapporta.

Xehed Robert Cassar li qal li ġabar it-tifla mill-għassa ta' Birkirkara f'xi l-**10.00** ta' filgħodu tas-16 t'Awwissu. Kien qed ikun segwit minn Renault Megan. Intilef il-kuntatt ħdejn ir-roundabout ta' Dun Karm Psaila street. Fir-Renault Megan kien hemm żewġ nisa. Il-Marsa reġa' sab ir-Renault Megan warajh. Ħdejn fejn hem mil-Miller Distributors huwa reġa' tilef il-kuntatt mar-Renault Megan. Huwa wasal f'numru 8 Triq Burglat, il-Gudja fl-**10.26 am.** Hemmhekk ommu qaltlu li kien hemm waħda mara b'xagħarha twil iswed b'vann li kienet ilha pparkjata. Kif ix-xhud resaq lejha, il-mara tal-vann saqet tiġri 'l hemm. Huwa ħa n-number plate tagħha li kien BVY 001. Huwa għaraf lill-mara tal-vann fl-Awla. FirRenault Magan kien hemm ċerta Grace Gatt u Shona Mifsud.

Ix-xhud kien għadda **proċeduri kriminali** minħabba li l-appellanta kienet għamlet affidavit fejn qalet li ratu għaddej minn Triq Dun Karm b'veloċita' ta' aktar minn mitt kilometru fis-siegħa. Barra l-affidavit, l-appellanta kienet telgħet tixhed ukoll. Kienet ippreżentat ritratti u video li bihom hi bidet tgħid li x-xhud wasal il-Gudja minn Birkirkara **fi żmien sitt minuti**. La fir-ritratti u lanqas fil-video ma jidher sewqan ta' mitt kilometre fis-siegħa. Fl-affidavit hi kienet qalet li segwietu hi stess meta fl-istess ħin hi kienet il-Gudja. Hi qalet li hi qatt ma qabżet is-sittin kilometre fis-siegħa waqt li x-xhud saq b'mitt kilometre fis-siegħa. Qalet ukoll li hi kienet f'Mazda warajh u li tant kien qed isuq ħaj li t-tifla nqalgħet bil-carseat.

L-affidavit intuża wkoll f'kawża ta' kura u kustodja. L-affidavit kien esibit ma' rikors fejn intalab li x-xhud ma jarax it-tifla.

Xehed ukoll PS 1429 Eric Mangion li kkonferma l-current incident report li kien sar minn Ruth Cassar u minn ommha Cynthia Cassar. Huma rrapurtaw il-preżenza ta' mara li kienet qed issuq karozza BVY 001 li kien jgħajjat lil ċertu Emanuel Micallef. Emanuel Micallef kien għarraf lill-pulizija li din il-vettura kienet tal-mara tiegħu u kienu ilhom ħames snin separati. L-ispettur ċempel għall-appellanta (wara li kien bagħat għaliha darbtejn) li qalet li kienet marret il-Gudja biex tippikkja xi nies.

In-Nutara Dorianne Arapa għarfet l-affidavit u d-data tiegħu kif ukoll lill-appellanta bħala l-persuna li għamlitu. L-appellanta ħalfet bis-salib fuq dak li hu miktub fl-affidavit. (fol 43).

Xehdet ukoll Sapienza Cassar (fol 48) – omm Robert Cassar. Kienet qed tistenna lil Robert ġej bit-tifla meta ċemplitilha t-tifla taħgha biex tgħidilha li kien hemm mara li riedet tiġbor xi nies. Hija rrispondietha li d-dar hi (ix-xhud) kienet weħidha. Hija kienet rat lil ċerta Tina, Simone, u Joyce telgħin f'minivan 001. Joyce indikat t-triq fejn toqgħod ix-xhud. Telgħu Triq il-Migra u imbagħad ġibdu lejn it-Triq Santa Marija. Lil Simone Micallef kellha idea

tagħha għax hi xufiera tat-tfal tal-iskola fejn tgħallem ix-xhud. Il-ħin kien bejn **l-10 u l0.05.** Iżda waqt li l-appellanta kienet qed tipprova tipparkja kien għadda l-ħin u kienu madwar l-10.30. Dak il-ħin wasal Robert.

Xehdet Joyce Calleja li qalet li dak in-nhar tas-16 t'Awwissu 2008 kienet rat lill-appellanta li kienet tafha bħala driver tal-minibus li kienet tuża hi. L-appellanta kienet staqsiet għal isem ta' triq u hi kienet telgħet magħha biex turiha fejn.

Xehdet Shona Mifsud li tiġi oħt mart Robert Cassar. (fol 61). Din iżda ma rrispondiet għal xejn.

Xehed ukoll Emanuel Borg (fol 63) li qal li hu kien qiegħed mal-ħajt faċċata tal-knisja. Ra mara li ma kienx jaf iżda ħarġet waħda (Joyce Calleja) minn ġo ħanut u lil din kien jafha. Kien hu li dderieġa lil Joyce Calleja għand tal-banka tal-lottu sabiex tikseb l-informazzjoni fejn qegħda t-triq Burglat.

**L-Affidavit.**

Skont l-affidavit li għamlet l-appellanti, fis-16 t'Awwissu 2008 għall-ħabta tal-10.00am hija rat lil Robert Cassar jieħu lit-tifla Amy Cassar mill-għassa ta' Birkirkara u jrikkibha l-karozza tiegħgu Fort Focus ta' kulur blu BJC – 003 fuq is-seat ta' wara tal-karozza li hu maħsub għat-tfal. Għal ħabta tla-10.08 Robert Cassar għadda minn Dun Karm Psaila Road b'sewqan ta' aktar minn mitt kilometre fis-siegħa. Hu beda jsallab minn karreġġjata għall-oħra mingħajr l-użu tal-indicator. F'temp ta' ċirka sitt minuti hu wasal il-Gudja fi Triq Burglat fejn waqaf.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Illi l-ewwel imputazzjoni kontra l-appellanti hija din:

***'Nhar id-19 ta' Awwissu 2008, gewwa 3, Triq Mons. G. Frendo, Qormi u fi nhawi ohra f'dawn il-gzejjer Maltin***

***<u>tat xhieda falza, f'materja civili, meta ghamlet affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li kienet taf li l-affidavit kien mehtieg jew mahsub għal procedura civili f'Malta'</u>***

Din l-imputazzjoni tinkwadra ruħha taħt l-artikolu 106(3) li jgħid hekk:

'**Sperġur fi**
**proċeduri ċivili.**
**.**
106. (1) Kull min jagħti xiehda falza f'materja ċivili, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu għal kull persuna li, bħala parti f'kawża ċivili, taħlef il-falz.

**(3) Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f 'Malta, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1).'**

A fol 28, fil-verbal tal-11 ta' Novembru 2010, insibu dan il-kliem:

**'Id-difiża qegħda taqbel li l-affidavit tal-akkużata ntuża waqt proċeduri ċivili u taqbel ukoll li l-akkużata ddeponiet viva voce quddiem il-Maġistrat Saviour Demicoli.'**

Dan il-verbal sar kmieni matul il-proċeduri fil-jum stess li fih xehdet in-Nutar Dioranne Arapa. Id-difiża ma tagħmilx verbali bħal dawn għal xejn b'xejn speċjalment meta tkun diġa' semgħet ix-xhieda ta' Ruth Casssar (14 t'Ottubru 2010) u ta' Robert Mangion, PS 1429 E.Mangion u n-nutar Arapa (kollha 11 ta' Novembru 2010).

Fil-fehma tal-Qorti, verbal bħal dan prattikament jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli toqgħod tippreżenta l-proċess ċivili.

Ma tistax id-difiża l-ewwel tagħmel tali verbal u imbagħad tissottometti li jmissu nġieb il-proċess ċivili.

Il-verbal huwa prova li l-affidavit intuża fi proċeduri ċivili. L-imputazzjoni, kif inhi miktuba, hija dwar li l-appellanti għamlet 'affidavit falz' u r-referenza għal dak li sar qusddiem il-Qorti Ċivili qegħda hemm biex turi l-intenzjoni li jitlob l-istess sub-inċiż (3) u mhux biex ikun soddisfatt is-subinċiż numru (1) tal-artikolu 106.

L-abbli difensur jirreferi wkoll għal dan il-kliem a fol 35:

'Prosek: Dan l-affidavit tista' tispjega f'liema ġurnata jew meta kien użat?

Xhud: Eħe, daħħlet rikors fl-għoxrin ta' Awwissu, jekk minix sejjer żball, fejn talbet li jiena ma narax it-tifla minħabba dan l-aġir perikoluż illi ssemma fl-affidavit tagħha.'

Fil-fehma tal-Qorti hawn il-kelmiet 'jekk minix sejjer żball' jirriferu għad-data ta' meta daħal ir-rikors u mhux jekk ir-rikors kienx ippreżentat jew le.

Id-difiża ssaqsi wkoll jekk din kenitx prova biżżejjed 'għax qal hekk Robert Cassar'. Bir-rispett kollu l-verbal li saret referenza hawn fuq ma jistax ikun injorat. Dan mhux każ ta' 'għax hekk qal Robert Cassar biss'. Kienet id-difiża stess li qalet li dan seħħ u mhux kwistjoni li għax hekk qal Robert Cassar.

Il-Qorti lanqas ma ser tilqa' s-sottomissjoni li 'l-verbal tad-difiża ma jgħidx kif intuża l-istess affidavit' għax mhux aċċettabbli li d-difiża l-ewwel tagħmel dikjarazzjoni ta' dik ix-xorta li kien sinjal ċar biex il-Prosekuzzjoni ma toqgħodx iġġib ċerta prova, u imbagħad, fl-istadju ta' appell, tagħmel sottomissjoni li ma nġabitx l-aħjar prova.

Bir-rispett kollu wkoll, l-analoġija mar-reċidiva ma treġix. Jekk id-difiża jidhrilha li għandu jitla' l-uffiċjal prosekutur għax m'hemmx in-numru tal-Identity Card fuq is-sentenza,

dan tista' tesiġih. Meta d-difiża tkun prattika, taqbad u tammetti r-reċidiva.

Fil-fehma tal-Qorti, m'hemmx dubju li sar l-affidavit mill-appellanta dwar x'seħħ f'dik l-għodwa tas- 16 t'Awwissu 2008 għax dan hu sorrett mix-xhieda tan-nutara li quddiemha sar l-affidavit.

Dan ġie kuntrastat minn: (a) Robert Cassar – minħabba li ħin li ta dwar il-mument meta ġabar it-tifla mill-għassa ġo Birkirkara u kemm ħa żmien biex jasal il-Gudja;

(b)Ruth Cassar – oħt Robert Cassar li kienet fil-banka tal-lottu u tat il-ħin ta' meta ntalbet id-direzzjoni mill-appellanta bħala l-10.02;

(ċ) Sapienza Cassar – omm Robert Cassar li tat il-ħin bejn l-10.00 u l-10.05

(d) il-ħin li tat Ruth Cassar fil-current incident report bħala l-10.00a.m meta l-appellanta marret issaqsi l-informazzjoni.

Sa dak il-ħin meta l-appellanti ntlemħet il-Gudja żgur ħadd minn dawn it-tlieta min-nies ma kien jaf li ser isir xi affidavit. Huwa veru wkoll li l-current incident report jista' jitqies bħala 'hearsay evidence' (mhux dejjem- Ara: Il-Pulizija vs Janis Caruana tal-14 ta' Mejju 2012). Iżda l-hearsay evidence dejjem tista' tikkorrabora provi oħra.

L-Avukat Difensur jistaqsi wkoll dwar xi prova hemm li l-affidavit kien ser jintuża f'kawża ċivili. Bir-rispett kollu, dan l-affidavits ma jsirux għalxejn u dan l-affidavit ma baqax fuq xkaffa iżda ntuża. Li kieku baqa' f'kexxun, kieku lanqas wieħed kien ikun jaf bih ħlief għan-Nutara li tkun tat il-ġurament. Iżda dan ħareġ fil-pubbliku u għalhekk m'hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-element rikjest mill-artikolu 106(3) tal-Kap 9.

Il-Qorti lanqas ma hi aċċettabbli is-sottomissjoni li l-Prosekuzzjoni ma tellgħetx lil Joel Cassar biex tixhed. Il-fatt li ma ttellgħetx tixhed Joel Cassar ma jfissirx li ntefa' xi piż ta' prova fuq l-appellanti li għażlet, kif kellha kull dritt li

tagħmel, li la twieġeb id-domandi tal-pulizija u lanqas tixhed. Il-Prosekuzzjoni kellha kull dritt li ma ttellax lil Joel Cassar tixhed jekk hekk dehrilha li dan kien l-aħjar li tagħmel.

L-appellanti tilmenta wkoll dwar l-intestatura tal-affidavit. Bir-rispett kollu din ma kenitx meħtieġa ad validitatem. U għal darba oħra qed jingħad li kien hemm xjenza anteċedenti ta' x'ser isir mill-affidavit għax il-provi diretti hekk juru.. Ukoll il-prova ex post facto – l-użu tal-affidavit – juri li kien hemm din l-intenzjoni.

L-appellanti tirreferi għall-artikolu 638 tal-Kap 9 li jgħid hekk:

***‘638. (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.***

***(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.’***

Fi kliem sempliċi dan l-artikolu jesiġi li jkun hemm provi ċari u ta' min joqgħod fuqhom iżda ma joħloq ebda obbligu li jinġiebu provi li jew ma jkunux relevanti jew li l-Prosekuzzjoni tqis li mhux ser ikunu ta' għajnuna. Wara kollox, jekk xi ħadd iħoss li l-Prosekuzzjoni setgħet ġabet persuna tixhed jew xi dokument u dan naqset li ser tagħmlu, ħadd ma jżomm lil din il-persuna li ttellagħhom bħala xhieda tagħha.

L-isperġur huwa strettament marbut ma' proċess ġudizzjarju. Għalkemm in-nota marġinali baqgħet l-istess meta saret l-emmenda tas-sena 2002, is-subinċiż (3) tal-artikolu 106, jirreferi għal sitwazzjoni ġdida (l-użu tal-affidavit li jsir barra l-proċess ġudizzjarju) li huwa intiż biex jintuża fi proċeduri ċivili. Jiġifieri ir-reat deskritt fis-

subinċiż (3) tal-artikolu 106 mhux marbut ma' dak li ġara jew qed jiġri fi proċess iżda ma' użu ta' affidavit li jkun sar barra l-proċess ċivili iżda li huwa intiż biex jintuża f'tali proċess.

It-tieni parti tal-aggravju tal-appellanti hija li l-prova ta' xhud wieħed hija biżżejjed jekk emmnut iżda li f'dan il-każ pero' japplika l-artikolu 639. Jekk wieħed jinterpreta l-kelma 'sperġur' tal-artikolu 639 bħala li tapplika wkoll għas-subinċiż (3) tal-Kap 106, allura jrid ikun hemm il-korraborazzjoni ta' xi xhud jew xhieda oħra jew ta' xi dokument ieħor. F'dan il-każ, m'hemmx ix-xhieda ta' Robert Cassar kontra l-affidavit tal-appellanti biss iżda kif jirriżulta mill-atti hemm xhieda oħrajn li jikkorroboraw ix-xhieda ta' Robert Cassar u huma xhieda ta' min joqgħod fuqhom.

**Il-Qorti qed tikkonkludi li l-elementi li jirrikjedi l-artikolu 106(3) tal-Kap 9 huma kollha soddisfatti u għalhekk qed tiċħad l-aggravji kollha dwar l-ewwel imputazzjoni u qed tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar is-sejbien ta' ħtija tal-ewwel imputazzjoni**.

**It-Tieni Imputazzjoni**

L-appellanti tissottometti wkoll li vis a vis dak li ġara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma nġabitx traskrizzjoni tax-xhieda.

Dwar il-kawżi sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, huwa ben magħruf li ħafna minnhom ma jkunux rekordjati. Il-Maġistrat jisma' x-xhieda, jista' jieħu xi noti waqt is-smigħ, u jagħti s-sentenza dak il-ħin.

Huwa veru li 'quod non est in actis non est in mundo' iżda dan il-prinċipju għandu japplika għal dak il-ġudikant li qed jiddeċiedi s-sentenza. Huwa marbut b'dak li sema' hu stess waqt is-smigħ tal-kawża.

F'sitwazzjoni fejn ix-xhieda ma jkunux rekordjati, jistgħu jinħolqu diffikultajiet għall-prova ta' sperġur li tirrikjedi

aktar minn kelma ta’ xhud kontra kelma ta’ xhud ieħor. F’dan il-każ, Robert Cassar kien ħareġ liberat u allura lanqas biss kellu interess li jintavola appell fejn ix-xhieda kienu jerġgħu jinstemgħu u jiġu traskritti. Ma jfissirx pero’ li dejjem u bilfors xhieda trid tkun traskritta u / irrikordjata sabiex ikun hemm prova ta’ sperġur.

Filfatt fit-tieni parti tan-Noti tal-Professur Mamo a fol 67 hemm hekk:

‘’Finally, for a charge of this crime it is not absolutely essential that the evidence impeached as false shall have been taken down in writing. What the witness has said may also be proved by parole evidence. (Vide judgment by Montanaro Gauci J. Criminal Appeal Police versus Galea 29 ta’ Marzu 1952).

**Il-Korroborazzjoni l-artikolu 639.**

**Meta xhud wieħed waħdu mhux biżżejjed.**

**639. (1) B’dak kollu li jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, ħadd ma jista’ jiġi misjub ħati ta’ kalunnja, sperġur, jew ġurament falz, fuq ix-xiehda weħedha ta’ xhud wieħed biss li jmeri l-fatt li jkun xehed qabel taħt ġurament l-imputat jew l-akkużat; iżda dan l-imputat jew akkużat jista’ jiġi misjub ħati fuq ix-xiehda ta’ xhud wieħed biss, meta din ix-xiehda tkun korroborata f’xi ċirkostanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat, minn provi oħra miġjubin skont il-liġi.**

L-appellanti tissottometti li m’hemmx falsita’ għax hija kwistjoni ta’ kelma ta’ Robert Cassar kontra l-affidavit tal-appellanti.

L-Ewwel Qorti, jiġifieri dik li ddeċidiet din il-kawża, kellha quddiemha dak li qal Robert Cassar (ara fol 34 b’mod partikolari) – li d-difiża qed tissottometti li mhux il-mod kif

isiru l-provi ta' x'sar fi proċess ġudizzjarju ieħor - kif ukoll dak li qalet id-difiża fil-verbal msemmi aktar 'il fuq li qed jiġi riprodott għall-ħeffa tar-referenza:

**'Id-difiża qegħda taqbel li l-affidavit tal-akkużata ntuża waqt proċeduri ċivili u taqbel ukoll li l-akkużata ddeponiet viva voce quddiem il-Maġistrat Saviour Demicoli.'**

Din il-Qorti wiżnet x'kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti hija u tanalizza x'sar fil-proċess kriminali quddiem il-Maġistrat Demicoli. Is-sitwazzjoni fit-tieni imputazzjoni hija **differenti** mis-sitwazzjoni fl-ewwel imputazzjoni għaliex it-tieni waħda hemm referenza speċifika mhux għall-affidavit iżda **dwar x'seħħ** fl-4 ta' Marzu 2009 u fit-13 t'April 2009 dwar l-għoti ta' xhieda falza fi proċeduri kriminali sew kontra kemm favur il-persuna imputata. Dan il-kliem huwa riflessjoni tal-artikolu 105 tal-Kap 9 li jgħid hekk:

'Sperġur f'kawżi
kriminali oħra.
*Emendat:*
*IX. 1859.9;*
*XLIX. 1981.4;*
*III. 2002.24.*
**105.** Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa sentejn.'

Għalhekk dak li riedet tara l-Ewwel Onorabbli kien (i) jekk taċċettax ix-xhieda tal-verżjoni li ta Robert Cassar in sostituzzjoni tar-records of the case u (ii) jekk barra x-xhieda ta' Robert Cassar li qal fil-qosor x'kien seħħ u dak li kien konċess fil-verbal li l-akkużata ddeponiet viva voce quddiem il-Maġistrat Demicoli, **kienx hemm fil-proċess quddiem il-Maġistrat Demicoli xhieda li tikkorrobora dak li qal Robert Cassar**. Dan kellu jsir biex ikunu soddisfatt l-artikolu 639 dwar il-korroborazzjoni meħtieġa

fil-każ ta' sperġur. Dak li xehdu Ruth Cassar u Sapienza Cassar kien validissimu għall-ewwel imputazzjoni fejn l-affidavit sar barra l-proċess ġudizzjarju iżda għat-tieni imputazzjoni riedet tirriżulta xhieda li tikkorrobora dak li qal Robert Cassar **fil-proċess kriminali li kien presedut mill-Maġistrat Demicoli**. **Dan għaliex l-Ewwel Qorti kienet qed teżamina jekk l-appellanti xehditx falz quddiem il-Maġistrat Demicoli u riedet għalhekk tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq xhieda u provi li nstemgħu matul dak il-proċess u f'dak il-proċess partikolari. Għall-finijiet tal-artikolu 105, li jgħoddu huma x-xhieda waqt il-proċess u mhux barra l-proċess.**

Din il-Qorti qed tikkonkludi li quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma nġabitx prova li waqt is-smigħ tal-kawża **quddiem il-Maġistrat Demicoli** kien hemm xi xhud jew xhieda li kkorrobora jew ikkorroboraw dak li qal Robert Cassar.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni li taċċetta l-verżjoni ta' Robert Cassar dwar x'ġara fl-awla. Min-naħa l-oħra ma nġabet l-ebda prova li kien hemm korroborazzjoni ta' dak li qal Robert Cassar quddiem il-Maġistrat Demicoli. Isegwi li l-artikolu 639 tal-Kap 9 ma kienx soddisfatt u għalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni.

Dwar il-piena il-Qorti ser tipprovdi fil-konklużjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tafferma li l-ġurament u jew l-affidavit falz huwa intollerabbli għax dan jista' jfixkel bis-sħiħ il-proċess ġudizzjarju u jista' wkoll joħloq problemi lil bosta persuni. Illum il-ġurnata l-affidavit**

**sar prova importantissima fil-proċess ċivili u għalhekk l-affidavit irid ikun fih il-verita'. Madankollu fl-istadju tal-appell l-appellanti kienet meħlusa mit-tieni imputazzjoni u dan bilfors jagħmel differenza.**

**Wara li qieset dak kollu li ntqal fil-paragrafi aktar 'il fuq, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-27 t'Ottubru 2011 billi (a) tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellanta ħatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tagħha u fejn ordnat l-interdizzjoni ġenerali tal-appellanti kif ukoll l-interdizzjoni li sservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja u milli sservi bħala perit għal perjodu ta' għaxar snin, iżda (b) qed tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni imputazzjoni u fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-appellanti għal sentejn priġunerija, u minflok qed tilliberha mit-tieni imputazzjoni, u wara li qieset ukoll li l-appellanti sa llum għandha fedina penali nadifa, qed tikkundannha għal sena priġunerija li għandha tibqa' sospiża għal erba' snin u dan ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti fehmet lill-appellanti li jekk matul dawn l-erba' snin hija twettaq reat ieħor hija tista' tkun ikkundannata wkoll il-piena mogħtija mis-sentenza ta'llum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------